# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 550/2018 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**RT**

**vs**

**RTL**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' RT, datat 11 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti izzewweg lill-intimata nhar it-3 ta' Dicembru 2006, skont kif jidher mil-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieg tieldet tifla wahda TRA nhar l-4 ta' Dicembru 2007 li ghadha minorenni u ghandha ghaxar (10) snin;*

*Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa i tkisser irrimedjabilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi, u effettivament huma ilhom separata legalment mit-30 t'Ottubru 2014, skont ma jidher mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok B, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artiklu 66B (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi llum il-gurnata l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u*

*ghalhekk ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, b'hekk illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artiklu 66B (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni personali taghhom (Dok B), ir-rikorrent obbliga ruhu li jhallas lill-intimata s-somma ta' €350 kull xahar ghal wild minuri, liema manteniment jithallas regolarment, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artiklu 66B (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ghalhekk isegwi li f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

*Illi ghalkemm ir-rikorrenti huwa ta' nazzjonalita Taljana u jitkellem biss bil-lingwa Taljana u Ngliza, il-kontenut tar-rikors odjern gie tradott lilu ghall-lingwa Ngliza mill-konsulent legali tieghu Dr Cynthia Portelli u ghalhekk ir-rikorrenti huwa f'pozizzjoni li jikkonferma l-istess bil-gurament tieghu;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha;*

1. *Tiddikjara d-divorzju u hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-3 ta' Dicembru 2006 ai termini tal-Artikolu 66D (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro it-terminu ffissat minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg ossia d-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi irregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artiklu 66A (4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' RTL, datata 18 ta' Frar 2019, a fol 17 li taqra hekk:

1. *Illi hi taqbel li l-partijiet ilhom oltre erba snin jghixu mhux flimkien kif mahsub mill-Ligi;*

2. *Illi di piu' jinghad li l-manteniment kif mahsub fil-kuntratt dejjem thallas u prezenzjalment ma hemm l-ebda manteniment dovut ossia arretrati;*

3. *Illi in oltre il-partijiet ormai ghandhom hajja ghal kollox separata b'rabtiet familjari godda u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni;*

4. *Illi li madanakollu hija tixtieq jekk kemm-il darba din il-Qorti jghogobha tilqa' t-talbiet tal-attur, illi tirriverti ghal kunjom xbubitha Lia.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**RT** xehed a Fol 20 illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Dicembru 2006 (vide certifikat taz-zwieg Dok A a fol 3) u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-30 t'Ottubru 2014 (Dok B fol 4 et seqq) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda TRA, li ghadha minorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RTL** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Dicembru 2006, (Vide Dok. A a fol 3) u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni;

Gie sodisfacentement stabbilit illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta kuntratt redatt min-Nutar Michael Joseph Galea, datat 30 t'Ottubru 2014 (Vide Dok.B a fol 4 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin;

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Il-Qorti rat in oltre t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kulljom xbubitha cioe' Lia.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millllum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u wkoll tawtorizza lil RTL sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe L u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**